IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.11.2020
COM(2020) 742 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## Il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil użati għat-trasport bit-triq fl-Unjoni Ewropea
## (Is-sena ta' rappurtar 2018)

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## Il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil użati għat-trasport bit-triq fl-Unjoni Ewropea
## (Is-sena ta' rappurtar 2018)

### 1. INTRODUZZJONI

Skont l-Artikolu 7a tad-Direttiva 98/70/KE[1] dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil (minn issa 'l quddiem id-"Direttiva dwar il-Kwalità tal-Karburanti") u l-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 li tistabbilixxi l-metodi ta' kalkolu u r-rekwiżiti tar-rappurtar skont id-Direttiva 98/70/KE[2], l-Istati Membri huma mitluba li kull sena jirrappurtaw dwar l-intensità tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-karburanti u tal-enerġija fornuti fit-territorji tagħhom. Dan l-obbligu ta' rappurtar japplika għall-ewwel darba għas-sena ta' rappurtar 2017, wara l-applikazzjoni u t-traspożizzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652. Dan ir-rapport annwali jinkludi d-*data* rappurtata għas-sena 2018.

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 98/70/KE l-Istati Membri huma mitluba jirrappurtaw dwar id-*data* tal-kwalità tal-karburanti nazzjonali għas-sena kalendarja preċedenti.

Dan ir-rapport annwali jiġbor fil-qosor l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri fir-rigward tar-rekwiżiti ta' rappurtar imsemmija hawn fuq. Huwa bbażat fuq id-*data* ppreżentata mill-Istati Membri lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) għas-sena 2018.

### 2. VOLUMI U INTENSITÀ TAL-GASSIJIET B'EFFETT TA' SERRA TUL IĊ-ĊIKLU TAL-ĦAJJA TAT-TIPI TA' KARBURANT U ENERĠIJA

L-Artikolu 7a tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Karburanti, flimkien mad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652, jistabbilixxu r-rekwiżiti ta' rappurtar li jikkonċernaw dan li ġej:

- il-volum totali ta' kull tip ta' karburant jew enerġija fornuta għat-trasport bit-triq u makkinarju mobbli mhux tat-triq (inklużi bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni meta ma jkunux fuq il-baħar), tratturi agrikoli u forestali, u dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni meta ma jkunux fuq il-baħar;
- l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja għal kull unità ta' enerġija, inklużi l-valuri medji provviżorji tal-emissjonijiet stmati tat-tibdil indirett fl-użu tal-art (ILUC) mill-bijokarburanti[3];
- il-materja prima u l-mogħdija għall-produzzjoni tal-bijokarburanti użati għal kull wieħed mill-bijokarburanti fornuti fit-territorji tal-Istati Membri.

Id-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Karburanti tobbliga lill-Istati Membri biex jirrikjedu li l-forniturі tal-karburanti jnaqqsu l-intensità tal-gassijiet b'effett ta' serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-karburanti tat-trasport, jiġifieri l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tul iċ-ċiklu tal-

[1] Id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE, ĠU L 350, 28.12.1998, p. 58.

[2] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 tal-20 ta' April 2015 li tistabbilixxi l-metodi ta' kalkolu u r-rekwiżiti ta' rappurtar skont id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil, ĠU L 107, 25.4.2015, p. 26.

[3] Id-Direttiva (UE) 2015/1513 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li temenda d-Direttiva 98/70/KE dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, ĠU L 239 tal-15.9.2015, p. 8.

ħajja għal kull unità ta' enerġija mill-karburanti u mill-enerġija fornuti, b'mill-inqas 6 % sal-31 ta' Diċembru 2020 meta mqabbel mal-istandard tal-linja bażi tal-karburant għall-2010 ta' 94.1 gCO2eq/MJ[4]. L-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-ILUC ma jitqisux fil-valutazzjoni tal-konformità mal-mira minima ta' tnaqqis ta' 6 %.

Fis-sena 2018, it-28 Stat Membru kollha (kif ukoll in-Norveġja u l-Iżlanda) ipprovdew id-*data* dwar it-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra fil-format xieraq.

## 2.1 Emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u distanza sal-mira tal-2020


Skont id-*data* pprovduta, l-intensità medja tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-karburanti u tal-enerġija fornuti fit-28 Stat Membru li qed jirrapportaw fl-2018, kienet 90.6 $gCO_{2eq/}MJ$, li hija 3,7 % inqas mil-linja bażi tal-2010 ta' 94,1 gCO2eq/MJ. Dan jikkorrispondi għal iffrankar ta' 51 Mt ekwivalenti ta' diossidu tal-karbonju ($CO_{2eq}$) matul is-sena 2018. Il-progress miksub mill-forniturі tal-karburanti kien illimitat bejn is-snin 2017 u 2018 b'titjib ta' 0.3 punt perċentwali tal-intensità medja tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-karburanti.

Id-*data* rappurtata għall-2018 tikkonferma li l-forniturі tal-karburanti tal-UE fit-28 Stat Membru li qed jirrappurtaw, bħala medja kienu 'l bogħod mill-objettiv tagħhom li jnaqqsu l-intensità tal-gassijiet b'effett ta' serra b'6 % sal-2020, meta mqabbel mal-2010 (ara l-*Illustrazzjoni 1*). Ta' min jinnota li fl-2018 ma ġie rrappurtat l-ebda tnaqqis fl-emissjonijiet upstream (UER)[5]. Dan mistenni li jikkontribwixxi għall-mira ta' tnaqqis fis-sena 2020.

Barra minn hekk, il-progress ivarja ħafna fost l-Istati Membri. Fi 23 Stat Membru, it-tnaqqis fl-2018 baqa' inqas mill-mira intermedja fakultattiva ta' 4 % li l-Istati Membri setgħu jitolbu lill-forniturі tal-karburanti jikkonformaw magħha diġà għas-sena 2017. L-Iżvezja u l-Finlandja huma l-uniċi Stati Membri li diġà qabżu l-mira ta' tnaqqis ta' 6 % għall-2020 (iktar informazzjoni tista' tinstab fir-Rapport Tekniku tal-EEA Nru 2/2020 dwar "L-intensitajiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-karburanti tat-trasport fl-UE fl-2018"). Għalhekk, kważi kull Stat Membru għandu bżonn jieħu azzjoni ulterjuri minnufih biex jiżgura li l-mira tal-2020 tintlaħaq.

[4] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 tal-20 ta' April 2015 li tistabbilixxi l-metodi ta' kalkolu u r-rekwiżiti ta' rappurtar skont id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil, ĠU L 107, 25.4.2015, p. 26.

[5] "Emissjonijiet upstream" tfisser l-emissjonijiet kollha tal-gassijiet b'effett ta' serra li jseħħu qabel id-dħul tal-materja prima f'raffinerija jew f'impjant tal-ipproċessar fejn jiġi prodott il-karburant.




**Illustrazzjoni 1: Tnaqqis fl-intensità tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-karburanti miksub mill-forniturі tal-karburanti fl-Istati Membri, 2010-2018 *(Sors: EEA)***

Meta wieħed iqis l-emissjonijiet tal-ILUC[6], l-intensità medja tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-karburanti kkunsmati fl-2018 kienet 2,1 % inqas milli fl-2010. Dan jikkorrispondi għal iffrankar ta' 29 Mt $CO_{2eq}$ matul is-sena 2018. L-emissjonijiet tal-ILUC ma jitqisux fil-valutazzjoni tal-konformità mal-mira minima ta' tnaqqis ta' 6 %.


## 2.2 Provvista tal-karburanti

Din it-taqsima tipprovdi d-*data* ppreżentata għall-ewwel darba mill-Istati Membri li qed jirrappurtaw dwar il-karburanti fossili, il-bijokarburanti u l-karburanti ta' oriġini mhux bijoloġika kollha fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Karburanti għat-trasport bit-triq u l-makkinarju mobbli mhux tat-triq.

Il-provvista totali tal-karburanti rrappurtata kienet 14 028 petajoules (PJ), li minnhom 94,8 % kienu minn karburanti fossili, u 5,2 % kienu minn bijokarburanti. Fl-2018 ma ġie rrappurtat l-ebda karburant rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika.

Il-provvista tal-karburanti fossili fl-2018 kienet iddominata mid-diżil (59,8 %; 8 386 PJ), segwit mill-petrol (23,3 %; 3 271 PJ) u ż-żejt tal-gass (9,7 %; 1 363 PJ). Il-gass likwifikat miż-żejt u l-gass naturali kkompressat kellhom sehem totali ta' 2 % (275 PJ) (ara l-*Illustrazzjoni 2*).

[6] Għal dan il-kalkolu, tqiesu l-emissjonijiet indiretti proviżorji stmati tat-tibdil fl-użu tal-art mill-bijokarburanti kif elenkati fl-Anness V tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Karburanti.





**Illustrazzjoni 2: Ishma tal-provvista tal-enerġija mill-karburanti għal kull tip ta' karburant fl-2018 *(Sors: EEA)***

## 2.3 Konsum tal-bijokarburanti

Il-konsum tal-bijokarburanti fit-28 Stat Membru jkompli jiġi ddominat mill-bijodiżil (ester metiliku tal-aċidu xaħmi, FAME) (68,9 % tal-konsum totali tal-bijokarburanti; 504 PJ), segwit mill-bijoetanol (15,1 %; 111 PJ) u ż-żejt veġetali idrotrattat (HVO; 13.1 %; 93 PJ). Il-bijo-etil terz-butil etere (bijo-ETBE) u l-bijogass jammontaw għal kważi 0.1 % tal-konsum totali tal-bijokarburanti (18 PJ). Il-bijokarburanti l-oħra kollha kienu jirrappreżentaw sehem ħafna iżgħar (ara l-*Illustrazzjoni 3*).

L-informazzjoni dettaljata għall-bijokarburanti u l-mogħdijiet kollha tista' tinstab fir-Rapport Tekniku Nru 2/2020 dwar "L-intensitajiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-karburanti tat-trasport fl-UE fl-2018."



**Illustrazzjoni 3: Ishma tal-provvista tal-enerġija mill-bijokarburanti għal kull tip ta' karburant fl-2018 *(Sors: EEA)***

## 2.4 Konsum tal-elettriku

Ir-rappurtar tal-konsum tal-elettriku mill-fornituri tal-karburanti huwa volontarju u 10 Stati Membri, meta mqabbla mas-seba' fl-2017, irrappurtaw id-*data* dwar l-elettriku kkunsmat mill-vetturi u l-muturi elettriċi (ara t-*Tabella 1*).

| Stat Membru | Kwantità tal-enerġija eskluża l-effiċjenza tas-sistema tal-motopropulsjoni (GJ) | Kwantità tal-enerġija inkluża l-effiċjenza tas-sistema tal-motopropulsjoni (GJ) | Intensità tal-gassijiet b'effett ta' serra rrappurtata mill-Istat Membru (g $CO_2$e/MJ) | Intensità tal-gassijiet b'effett ta' serra rrappurtata mill-Istat Membru (g $CO_2$e/kWh) |
|---|---|---|---|---|
| Il-Bulgarija | 189 652 | 75 861 | - | - |
| Franza | 1 122 448 | 448 979 | 20.4 | 73 |
| Il-Ġermanja | 774 000 | 309 600 | 153 | 551 |
| L-Italja | 1 444 681 | 577 872 | 110.3 | 397 |
| In-Netherlands | 236 081 | 94 432 | 165 | 594 |
| Il-Portugall | 19 224 | 7 690 | 74.7 | 269 |
| Is-Slovakkja | 1 407 | 563 | 46.4 | 167 |
| Is-Slovenja | 318 | 127 | - | - |
| L-Iżvezja | 52 | 21 | 169.2 | 609 |
| Ir-Renju Unit | 867 996 | 347 198 | 85.3 | 307 |

**Tabella 1: Elettriku kkunsmat mill-vetturi u l-muturi elettriċi fl-2018 bħala kontribut irrappurtat mill-fornituri tal-karburanti għall-mira tagħhom ta' tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra (*Sors: EEA*)**

# 3. ĦARSA ĠENERALI TAD-*DATA* DWAR IL-KWALITÀ TAL-KARBURANTI TAL-2018 FL-UE

Skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Karburanti, kull Stat Membru, kif ukoll l-Iżlanda, ippreżentaw rapporti fir-rigward tad-*data* nazzjonali dwar il-kwalità tal-karburanti għas-sena 2018.

Din it-taqsima tipprovdi id-*data* għall-bejgħ tal-petrol u tad-diżil, u l-bijokomponenti inklużi fihom, għat-trasport bit-triq, irrappurtata mill-Istati Membri kollha tal-UE. Teskludi karburanti fossili oħrajn, bijokarburanti u karburanti ta' oriġini mhux bijoloġika oħrajn, kif ukoll karburanti użati għall-makkinarju mobbli mhux tat-triq.

## 3.1 Petrol, diżil u kontenut bijokomponenti

Id-diżil ikompli jiddomina l-bejgħ tal-karburanti fl-UE: 73.3 % tal-karburant mibjugħ fl-2018 kien diżil u 27.7 % kien petrol, bħall-2017 (ara t-*Tabella 2*):

| | 2017 | 2018 |
|---|---|---|
| **Bejgħ tal-karburant tad-diżil** | 270 668 (72.3 %) | 271 018 (72.3 %) |

| | | |
|---|---|---|
| **Bejgħ tal-karburant tal-petrol** | 103 766 (27.7 %) | 103 856 (27.7 %) |

**Tabella 2: Bejgħ tal-karburanti tad-diżil u tal-petrol (f'miljuni ta' litri u l-ishma rispettivi tagħhom) fl-2017 u fl-2018.**

Is-sehem tad-diżil meta mqabbel mal-bejgħ tal-petrol żdied tul is-snin, minn 55.6 % tal-bejgħ totali fl-2001 għal 72.3 % fl-2018. Fil-biċċa l-kbira dan jirrifletti ż-żieda dejjem akbar tat-tħaddim bid-diżil tal-flotta tal-vetturi tal-Ewropa waqt dak il-perjodu.

Il-konsum tal-karburant tad-diżil huwa dominanti f'ħafna mill-Istati Membri tal-UE (jirrappreżenta aktar minn 60 % tal-bejgħ totali tal-karburanti) għajr għal Ċipru, il-Greċja u n-Netherlands.

Il-maġġoranza tal-bejgħ tal-petrol fl-2018 kien jikkonsisti f'karburanti bi grad ta' petrol b'indiċi tal-ottan riċerka (RON) ta' 95, li s-sehem tiegħu naqas kemxejn meta mqabbel mal-2017. Is-sehem tal-bejgħ 95 ≤ RON < 98 żdied, filwaqt li s-sehem tal-bejgħ RON ≥ 98 naqas mill-2017 (ara t-*Tabella 3*).

| | **2017** | **2018** |
|---|---|---|
| **RON 95** | 85.7 %; | 82 %; |
| **95 ≤ RON < 98** | 8.3 %; | 13.7 %; |
| **RON ≥ 98** | 5.8 %; | 4.2 %; |
| **RON = 91** | 0.1 %; | 0.1 %; |

**Tabella 3: Sehem tal-bejgħ tal-petrol skont in-numri RON**

Id-diżil kollu mibjugħ fl-UE huwa kummerċjalizzat bħala li fih il-bijodiżil, filwaqt li kważi 96 % tal-petrol huwa kummerċjalizzat bħala li fih il-bijoetanol. Fl-2018, 84.3 % tal-karburant tal-petrol mibjugħ fl-UE kellu sa 5 % kontenut ta' etanol skont il-volum, u 11.4 % kellu sa 10 % kontenut ta' etanol. Mill-karburant tad-diżil mibjugħ, 99.2 % kien fih sa 7 % FAME u 0.8 % kien fih iktar.

## 3.2 Konformità tal-karburanti solidi mal-limiti tal-kwalità

Ġeneralment fl-UE hija osservata konformità għolja mal-limiti tal-kwalità. Il-maġġoranza l-kbira tal-parametri ewlenin tal-karburanti fil-kampjuni meħuda fl-2018 ġew irrappurtati fi ħdan il-limiti tat-tolleranza.

Il-Litwanja, is-Slovenja u l-Iżvezja vverifikaw u rrappurtaw konformità sħiħa kemm għall-karburanti kemm tal-petrol kif ukoll tad-diżil. Sitt Stati Membri vverifikaw u rrappurtaw konformità sħiħa għall-petrol (il-Bulgarija, il-Greċja, l-Iżvezja, il-Latvja, il-Litwanja u s-Slovenja), u 12 għad-diżil (l-Awstrija, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Iżvezja, il-Kroazja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja u l-Ungerija). Stat Membru (il-Belġju) irrapporta iktar minn 100 nonkonformità għall-petrol u 30 għad-diżil fl-2018, madankollu dan jirrappreżenta frazzjoni żgħira mill-għadd globali ta' kampjuni meħuda fil-Belġju.

L-Istati Membri rrapportaw total ta' 410 każ ta' nonkonformità għall-petrol u 114 għad-diżil għall-2018. Għall-petrol, l-aktar parametri komuni li ma jidħlux fl-ispeċifikazzjonijiet kienu l-pressjoni tal-fwar tas-sajf (fi 19-il Stat Membru), l-indiċi tal-ottan riċerka (RON) (f'10 Stati

Membri), l-indiċi tal-ottan mutur (MON) (fi tmien Stati Membri) u l-kontenut tal-kubrit (f'ħames Stati Membri). Għad-diżil, l-aktar parametri komuni li ma jidħlux fl-ispeċifikazzjonijiet kienu l-kontenut tal-FAME (f'seba' Stati Membri) u l-kontenut tal-kubrit (fi tmien Stati Membri).

L-Istati Membri kollha ddeskrivew l-azzjonijiet meħuda meta ġew identifikati kampjuni nonkonformi. Dawn kienu jinkludi l-għoti ta' informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti, il-bidu tal-investigazzjonijiet, l-għoti ta' penali u multi, u l-kampjunar mill-ġdid. F'għadd żgħir ta' każijiet, ma ttieħdet ebda azzjoni meta l-parametri nonkonformi nstabu li kienu qrib ħafna tal-limiti tat-tolleranza.

Għalhekk, ma kienx hemm bżonn li l-Kummissjoni tniedi investigazzjoni ġdida f'dan il-qasam.